QORTI KOSTITUZZJONALI

IMĦALLFIN

ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
(Aġent President)
ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI
ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Ġunju 2018

Numru 1

Rikors numru 29/08

Fl-atti tar-riferenza tad-19 ta' Mejju, 2008 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża:

Il-Pulizija

v.

Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin

1. Din is-sentenza titratta dwar appell tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tas-26 ta' Marzu, 2009 li sabet li l-kawża kriminali li nbdiet kontra l-intimat fit-28 ta' Novembru 2006, tilledi l-prinċipju ta' *ne bis in idem* kif protetti fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-ewwel qorti qalet hekk:-

"Illi meta wieħed iqabbel l-akkużi mressqin kontra l-imputat fl-ewwel proċedura ma' dawk li qegħdin jitressqu issa fit-tieni proċedura, wieħed għandu jsib li l-akkużi kollha f'din it-tieni proċedura kienu msemmija, kelma b'kelma, fl-ewwel akkuża (liema taħrika kellha tliet imputazzjonijiet oħra li ma jiffigurawx fit-tieni proċedura). Id-disposizzjonijiet tal-liġi msemmija fiż-żewġ taħrikiet huma l-istess fejn jirrigwarda l-akkużi komuni. Il-fatt li għalih jirreferu ż-żewġ taħrikiet huwa l-istess.

Illi din il-Qorti tislet il-fehma li l-imputat għandu raġun iħoss li, bit-tieni proċediment li qiegħed igħaddi minnu, qed iseħħ ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. ***Meta wieħed iqabbel l-akkużi li kellu fl-ewwel proċediment ma' dawk li tressqu kontrih fil-proċediment attwali, wieħed isib li ċ-ċirkostanza ewlenija li tagħżel bejn tal-ewwel u tat-tieni hija l-ħin li fih allegatament seħħ il-każ. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi kostituttivi (l-'element essenzjali'), jiġifieri kemm dak materjal (l-'actus') u kemm dak formali (il-'mens') tar-reati ipotiżżati fiż-żewġ akkużi kontra r-rikorrent, jixxiebħu f'kollox****. Il-ħin mhuwiex element kostituttiv tagħhom, u l-istess reati – jekk ippruvati kif imiss – jitqiesu bl-istess mod indipendement mill-ħin li fih twettqu. Lanqas ma jidher li huwa l-każ li l-ħin jikkostitwixxi xi element aggravanti ta' dawk ir-reati, iżda huwa biss ċirkostanza oħra li trid tirriżulta kif imiss biex turbot lill-persuna akkużata mal-fatt tal-ġrajja nnifisha".*

Raġunament bażat fuq 'il fatt li filwaqt l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali japplika dwar 'l-istess fatt', l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni tirreferi għall-istess 'reat'. Il-qorti kompliet tgħid b'riferenza għall-imsemmija disposizzjoni li bħal garanziji kostituzzjonali oħra, *"ma jistgħux ikunu applikati b'xeħħa jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li tagħti l-'liġi ordinarja' kif tinsab fil-Kodiċi Kriminali"* u kkonkludiet li fil-każ in eżami kien hemm ksur ta' dak id-dritt fundamentali.

Imbagħad dwar l-allegat ksur tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, qalet:

"Illi l-istħarriġ ta' x'jikkostitwixxi l-'istess' reat minn dejjem kien wieħed li ħalaq kontroversja dwar il-kriterju li jmissu japplika. Huwa magħruf li lanqas il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma segwiet dejjem l-istess kriterju. Kemm hu hekk, jidher li xi drabi mxiet bil-kejl tal-'istess għamil', filwaqt li, f'xi każijiet oħrajn, tqabbel mal-kunċett tal-konkors idejali fejn l-istess għamil jista' jnissel azzjonijiet differenti. Kien hemm każi fejn dik il-Qorti żammet mal-kejl tal-'elementi essenzjali' tar-rejati milquta mill-proċeduri ripetuti. Dawn il-kriterji differenti ma kinux qegħdin jgħinu wisq biex tinstab dik iċ-ċertezza tad-dritt meħtieġa għat-tifsir ta' dan il-jedd fundamentali, u dan kien iġib ħsara akbar meta wieħed iqis li dak il-prinċipju kien jitħaddem fi proċeduri ta' xejra kriminali, bħalma din il-Qorti issa għandha quddiemha".

Kompliet billi tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, **Sergey Zolotukhin v Russja** (numru 14939/03) u kkonkludiet:

> *"Illi minn dan it-tifsir ċar din il-Qorti terġa' tasal fl-istess fehma li waslet għaliha meta kienet qiegħda tqis il-kwistjoni taħt il-lenti tad-disposizzjoni relattiva tal-Kostituzzjoni. Ma jidhrilhiex li għandha x'iżżid u għalhekk jirriżultalha li, taħt il-Konvenzjoni wkoll, l-ilment tal-imputat jirriżulta mistħoqq".*

2. **<u>L-aggravji tal-appellant.</u>**

i. L-ewwel qorti addottat tifsira teknika għall-kelma 'reat'. It-tifsira tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni tal-kelma 'reat' m'għandhiex tkun dik li ssib l-elementi kostituttivi tar-reat innifsu fis-sens tal-liġi penali imma hija tifsira tal-kelma *'ad hoc'*. Il-ħin għalkemm mhux element kostituttiv tar-reat in kwistjoni, hu element important. Tant hu hekk li kien a bażi tiegħu li fl-ewwel kawża l-appellat ġie liberat.

ii. L-ewwel qorti naqset milli tagħmel distinzjoni bejn l-elementi tar-reat u l-elementi ta' fatt. Fil-każ in eżami t-tieni kawża mhijiex tirreferi għall-istess fatt allegat fl-ewwel imputazzjoni, iżda għal fatt ta' ċirkostanzi u żmien differenti minn dawk imputati fl-ewwel kawża.

iii. F'dan il-każ mhemmx 'bis' għaliex fl-4 ta' Lulju, 2006 fit-8.15 ta' filgħodu ma seħħx inċident.

iv. L-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ipoġġi bħala kriterju ieħor fejn jista' jkun hemm *ne bis in idem*, li persuna ma tistax terġa titressaq għal reat kriminali ieħor li għalih setgħet tiġi misjuba ħatja fl-ewwel proċeduri. F'dan il-każ, u kif fil-fatt ġara, il-provi tat-tieni akkuża ma ġabux sejbien ta' ħtija fl-ewwel waħda. L-akkużi huma materjalment differenti minn xulxin, u dan fl-element tal-ħin.

3. Permezz ta' tweġiba li ppreżenta fit-18 ta' Marzu 2010, l-intimat ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud. L-argument tiegħu hu li fiż-żewġ kawżi, iċ-ċirkostanzi u 'l fatti kollha jindikaw episodju wieħed, u ċjoe' li fid-29 ta' April, 2006 l-intimat allegatament saq fi Triq it-Torri, Sliema b'mod traskurat, perikoluż, x'aktar taħt l-influwenza tal-alkoħol, bir-riżultat li tajjar lil Giuseppe Cuschieri. Ladarba ngħatat sentenza fuq dak l-inċident, l-appellanti ma jistgħux jippretendu li l-intimat jerġa jiġi proċessat bit-tieni kawża.

4. **Fatti**.

i. Fl-4 ta' Lulju, 2006 l-intimat kien ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ġudikatura Kriminali li fid-29 ta' April, 2006 fit-8.15 a.m. fi Triq Torri, Sliema saq vettura FQZ-114:

> *"1. B'manjiera traskurata;*
> *2. U waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura riesaq lejn pedestrian crossing naqas li jnaqqas l-ispeed u jieqaf waqt li kienet qed tigi wzata mill-pubbliku;*
> *3. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru FQZ-114 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;*
> *4. U aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru FQZ-114 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt;*
> *5. Kif ukoll naqas li jipproduci l-polza tas-sigurta tal-vettura fi zmien skont il-liġi;*
> *6. U aktar naqas li jipproduċi lill-Pulizija l-liċenzja tas-sewqan skont il-liġi;*
> *7. Kif ukoll b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involntarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Giuseppe Cuschieri skont kif iċċertifika Dr John LittleJohn M.D. ta' S.L.H".*

ii. B'sentenza tal-24 ta' Ottubru, 2006 ġie liberat mill-akkużi għaliex mill-provi kien irriżulta li l-inċiden seħħ f'ħin differenti minn dak indikat fit-taħrika ta' kawża tal-pulizija.

iii. Minn dik is-sentenza ma sarx appell u għalhekk saret ġudikat.

iv. Fit-28 ta' Novembru, 2016 l-istess intimat kien ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li fid-29 ta' April, 2006 għal ħabta tat-8.15 p.m. fi Triq it-Torri, Sliema, saq vettura FQZ-114:

> *"(1) b'manjiera traskurata;*
> *(2) soqt jew ipprovajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura FQZ-114 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb;*
> *(3) u aktar talli soqt, ipprovajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura Nru FQZ-114 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsmajt tant alcohol li l-proporzjon tiegħek fin-nifs kien iżjed mil-limitu preskritt;*
> *(4) kif ukoll b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ħila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaġunajt offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Giuseppe Cuschieri skont kif iċċertifika dr Mark LittleJohn M.D. ta' S.L.H".*

v. Fis-seduta tas-16 ta' April, 2007 l-intimat ta l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*.

vi. B'sentenza tat-22 ta' Ottubru, 2007 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali laqat l-eċċezzjoni u lliberat lill-intimat mill-imputazzjonijiet kollha.

vii. L-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza. B'sentenza tas-17 ta' Marzu, 2008 il-Qorti tal-Appell Kriminali laqat l-appell u ħassret is-sentenza tal-ewwel qorti, u bagħtet l-atti lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegħ tal-kawża. Il-Qorti tal-Appell Kriminali rraġunat li, *"... t-tieni kawża bażata fuq komparixxi li turi l-ħin bħala dak tat-8.15 pm kienet materjalment differenti f'element important mill-ewwel akkuża w ċioe' l-ħin"*.

viii. Fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2008 l-intimat talab għal referenza kostituzzjonali minħabba li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, *"....l-imputat iħoss li d-dritt fundamentali tiegħu ġie leż..."*. B'digriet mogħti fl-stess seduta, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali laqat it-talba.

ix. B'sentenza tas-26 ta' Marzu, 2009 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wieġbet għar-riferenza billi qalet, *"... l-proċeduri meħuda kontra l-imputat Nicolai Magri u li għadhom qegħdin jinstemgħu mill-Qorti Riferenti jiksru l-jeddijiet tal-akkużat kemm taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; u Għalhekk tordna lir-Reġistratur sabiex igħaddi lura l-atti tal-akkuża lill-Qorti Riferenti sabiex tiddisponi mill-każ skont din is-sentenza"*.

Konsiderazzjoni.

5. L-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> *"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan **ma jistax għall-istess fatt** ikun suġġett għal kawża oħra"*.

6. L-artikou 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li persuna li tkun diġa għaddiet minn proċediment quddiem il-qorti dwar **reat kriminali**, ma terġax tgħaddi minn proċeduri **għal dak ir-reat** jew reat kriminali ieħor li għalih setgħet tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat.

7. L-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jipprovdi:

> *"1. No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State **for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted** in accordance with the law and penal procedure of that State"*.

8. Il-qorti tibda biex tosserva li għal finijiet ta' dawn il-proċeduri, mhuwiex rilevanti l-motiv li wassal lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex bis-sentenza tal-24 ta' Ottubru, 2006 tillibera lill-intimat. Dik is-sentenza hi ġudikat.

9. Mhemmx dubju li:

   i. L-ewwel sentenza ngħatat f'kawża kriminali. Għalhekk l-ewwel proċeduri kienu ta' natura kriminali.
   ii. L-ewwel sentenza saret *res judicata*.
   iii. Fit-tieni kawza r-reati li l-intimat gie mputat li wettaq, kienu diġa' ġew imputati fl-ewwel kawża kriminali.

10. Il-kwistjoni hi dwar jekk bit-tieni kawża, kienx hemm id-dupplikazzjoni ta' proċeduri krminali (*bis*).

11. L-imputazzjonijiet fit-tieni kawża kienu diġa ngħataw fl-ewwel kawża u li minnhom l-intimat ġie liberat bl-ewwel sentenza li ngħatat fl-24 ta' Ottubru 2006 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-uniku differenza hi l-ħin li jissemma fiċ-ċitazzjoni tal-ewwel

kawża u dik tat-tieni kawża. Fl-ewwel ċitazzjoni jissemma 8:15 ta' filgħodu filwaqt li fit-tieni waħda jingħad li l-inċident seħħ fit-8:15 ta' bil-lejl. Hu evidenti li min ipprepara l-ewwel taħrika ħa żball, u waqt is-smiegħ tal-ewwel kawża l-uffiċjal prosekutur ma talabx korrezzjoni (ara wkoll paġna 3 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali). Fil-fatt fl-okkorrenza tal-pulizija jirriżulta li l-inċident seħħ fit-20:00 filwaqt li r-rapport sar fit-20:15. Pero' hu inkontestat li incident wieħed kien biss hemm, li seħħ bil-lejl u mhux filgħodu.

12. Fis-sentenza **Grande Stevens v. Italy** (numru 18640/10 tas-7 ta' Lulju, 2014) il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem reġgħet ikkonfermat dak li kienet qalet l-istess qorti (Grand Chamber) fil-każ ta' **Sergey Zolotukhin v Russia** (14939/03)[1]:

> *"220. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of accusations levelled against the applicant in the new proceedings. Normally these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence of which he or she stands accused.* ***In the Court's view, such statement of fact are an appropriate starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same****.*
>
> *221. The Court's inquiry should therefore* ***focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space****, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings [see Sergey Zolotukhin, cited above, § 84]……*
>
> *224…… it follows from the principles set out in the case of Sergey Zolotukhin, cited above, that the question to be answered is not whether or not the elements of the offences set out in Articles 187 ter and 185 § 1 of Legislative Decree No. 58 of 1998 are identical,* ***but whether the offences with which the applicants were charged before the CONSOB and before the criminal courts concerned the same conduct****".*

[1] Sentenza li din il-qorti diġa applikat l-insenjament tagħha per eżempju fis-sentenza **David Mifsud vs L-Onorevoli Prim'Ministru et** tal-24 ta' Ġunju, 2016.

13. Fis-sentenza ta' **Sergey Zolotukhin v Russia**, il-qorti qalet li l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll kellu jinftiehem:

> *"82…. as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence'* ***in so far as it arises <u>from identical facts or facts which are substantially the same</u>****".*

14. Fil-fatt fil-każ **A.B. v Norwary**, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Grand Chamber) qalet:

> *"The most significant contribution of the Zolotukhin judgment was the holding that* ***the determination as to whether the offences in question were the same (idem) was to depend on a facts-based assessment (ibid., § 84), rather than, for example, on the formal assessment consisting of comparing the "essential elements" of the offences****. The prohibition concerns prosecution or trial for a second "offence" in so far as the latter arises from identical facts or facts which are substantially the same (ibid., § 82)".*

15. Fil-każ **Tomasovic v Croatia** (applikazzjoni 53785/09) tat-18 ta' Ottubru, 2011, l-istess qorti, wara li wkoll għamlet riferenza għal każ ta' Sergey Zolotukhin, waslet ghal konklużjoni li:

> *"27. As to the present case the Court notes that in respect of the minor offence the applicant was found guilty of possessing 0.21 grams of heroin on 15 March 2004 at about 10.35 p.m. As regards the proceedings on indictment, she was found guilty of possessing 0.14 grams of heroin on 15 March 2004 at about 10.35 p.m.*
>
> *28. The Court cannot but conclude that* ***the facts constituting the minor offence of which the applicant was convicted were essentially the same as those constituting the criminal offence of which she was also convicted****".*

16. Fil-każ **Muslija v Bosnia Herzegovina** tal-14 ta' Jannar, 2014, qorti sabet lir-rikorrent ħati talli **fit-12 ta' Frar, 2003 fis-6.40 pm** daħal fl-appartament ta' persuna li qabel kienet martu u kkundannatu jħallas multa. Sussegwentement, f'Jannar 2008 Qorti Muniċipali kienet sabet lill-istess applikant ħati li **fis-7 pm tat-12 ta' Frar 2003**, kkaġuna ġrieħi gravi fuq l-istess persuna. Il-Qorti Ewropea qalet:

> *"34. Turning to the present case, the Court notes that in both the minor-offences proceedings and the criminal proceedings the applicant was found*

guilty of the same conduct towards the same victim and within the same time frame (see paragraphs 7 and 11 above). In 2011 the Constitutional Court rejected his appeal applying the pre-Zolotukhin case-law. Its approach had since evolved (see paragraph 18 above). The Court further notes that the definition of the minor offence under section 3(1)(2) of the Public Order Act 2000 does not, as such, include inflicting bodily harm, whereas that element is crucial for the criminal offence of inflicting grievous bodily harm under Article 177 of the 1998 Criminal Code. However, in its decision, the Minor Offences Court expressly stated that the applicant was guilty of, inter alia, slapping M.P. and of punching her about her entire body. The physical attack on M.P. thus constituted an element of the minor offence of which the applicant was found guilty (in this connection, see Maresti, cited above, § 63). In the criminal proceedings before the Municipal Court the applicant was again found guilty of, inter alia, hitting M.P. ***The events described in the decisions adopted in both sets of proceedings took place at about 6.40 p.m. on 12 February 2003 in M.P.'s flat in Kakanj. It is obvious that both decisions concerned exactly <u>the same event and the same acts</u>, regardless of the fact that the decision of the Municipal Court stated that the event took place at about 7 p.m***……

38. The applicant was "convicted" in minor-offences proceedings which are to be assimilated to "criminal proceedings" within the autonomous Convention meaning of this term. After this "conviction" became final, he was found guilty of a criminal offence which related to the same conduct as that punished in the minor-offences proceedings and encompassed substantially the same facts. The Constitutional Court failed to apply the principles established in the Zolotukhin case and thus to correct the applicant's situation.

39. In the light of the foregoing, the Court considers that the proceedings instituted against the applicant under Article 177 § 1 of the 1998 Criminal Code concerned essentially the same offence as that of which he had already been convicted by a final decision under section 3(1)(2) of the Public Order Act 2000.

40. ***There has therefore been a violation of Article 4 of Protocol No. 7****".*

17. Mhemmx dubju li għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħin meta seħħ l-inċident ma kienx hemm dak li jissejjaħ bħala *temporal unity,* bejn l-inċident kif deskritt fl-ewwel ċitazzjoni u kif deskritt fit-tieni waħda. Pero' inċident wieħed kien hemm li seħħ fid-29 ta' April, 2006. Irrispettivament ta' x'jingħad fic-*charge sheets,* għal dak li huma fatti materjali fiż-żewġ kawżi dawn kienu l-istess, u ċjoe' li:

- Fid-29 ta' April, 2016 l-intimat kien qiegħed isuq il-vettura FQZ-114;
- Dakinhar waqt li kien qiegħed isuq l-imsemmija vettura fi Triq it-Torri, Sliema, allegatament taħt l-influwenza tal-alkoħol iktar milli tippermetti l-liġi, tajjar lil Giuseppe Cuschieri. Fatti li jirriżultaw wkoll

fl-ewwel kawża mill-okkorrenza tal-pulizija li l-qorti tifhem li ġiet preżentata mill-prosekuzzjoni.

18. L-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) jipprovdi:

> *"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikolaritajiet **ta' żmien u ta lok** li jkun jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw"*.

Biex tiddeċiedi jekk hemmx l-istess fatti wieħed ma jridx jibbaża ruħu biss fuq 'il fatti li jissemmew fiċ-ċitazzjoni tal-ewwel kawża. Jekk ikun mod ieħor ikun ifisser li potenzjalment persuna tista' tibqa' tiġi akkużata b'mod indefinit dwar l-istess incident, sakemm 'il fatti fiċ-ċitazzjoni jkunu tniżżlu korrettement. Dan mhuwiex l-ispirtu tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-qorti tifhem li 'l fatti li għalihom wieħed irid jirreferi huma l-l-***historical facts*** li jwasslu biex tinħareġ ċitazzjoni kontra l-imputat. Fatti li kif rajna jirriżultaw mill-provi li l-prosekuzzjoni stess ressqet fl-ewwel kawża.

19. Għall-qorti mhemmx dubju li jekk it-tieni kawża kellha tiddeċiedi l-meritu, ser ifisser li tingħata sentenza dwar l-istess inċident u atti.

20. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet mhemmx ħtieġa li l-qorti tqies l-aggravju relatat mal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Madankollu l-qorti xorta tosserva li għal finijiet ta' dik id-disposizzjoni mhuwiex biżżejjed li l-qorti tiddetermina hemmx l-istess reat. Irid ukoll ikun hemm l-istess fatti jew fatti li huma sostanzjalment l-istess. Alternattivament tinħoloq sitwazzjoni fejn f'zewġ kazijiet b'fatti differenti għal dak li jirrigwarda z-żmien u spazju li jkunu jwasslu għall-istess reat/i, ma tkunx tista' ssir it-tieni kawża minħabba l-prinċipju *ne bis in idem* kif protett fil-Kostituzzjoni. Din żgur li ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti tal-proċeduri kriminali lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u fl-istess ipoġġi kopja legali ta' din is-sentenza.

Noel Cuschieri
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
df